MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 290/2006/1

**Appell Numru: 290/2006**

**JOSEPH GAUCI**

**Vs**

**CHARLES u MIRIAM konjugi VELLA**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2011, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:*

*Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar it-28 ta' Settembru 2006 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuh 'l-ammont ta' elf, disgha mijau sebgha u disghin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (LM1997.74), liema somma tinkludi il-VAT skond il-ligi, rapprezentanti bilanc ta' prezz ghax-xiri u*

*akkwist ta' materjal, mixtri mill-attur ghall-konvenuti, kif ukoll xoghol ta' appalt esegwit mill-attur ghall-konvenuti skond l-istess ordnijiet taghhom;*

*Bl-ispejjez kollha inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 2555/06 kif ukoll l-imghax legali skond il-Ligi mis-7 ta' Settembru 2006 kif jirrizulta mill-annessa ittra interpellatorja mmarkata u annessa bhala dokument JG1.*

*Il-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni."*

*Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-14 ta' Dicembru 2006 fejn eccepew is-segwenti:-*

*1. "Illi preliminarjament t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess talba hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili ta' Malta (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-intimati hallsu lir-rikorrent ghas-saldu tax-xoghol maghmul minnu u l-materjal fornut lilhom.*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol esegwit mir-rikorrent ma kienx skond is-sengha u l-arti rikjesta mil-ligi u l-intimati sofrew danni u spejjez konsiderevoli minhabba xoghol hazin u l-agir abbusiv illegali u negligenti tar-rikorrent;*
*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont reklamat mir-rikorrent huwa wiehed eccessiv u ingustifikat.*
*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."*

*Rat il-kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepew is-segwenti:-*

*1. "Illi huma kienu inkarigaw lill-attur rikonvenzjonat Joseph Gauci sabiex jghamlilhom xoghlijiet tal-hadid gewwa ir-residenza taghhom u senjatament il-fond Dar ix-Xifer gewwa Triq l-Ghollieqa, Mellieha.*

*2. Illi x-xoghol esegwit mill-attur Joseph Gauci ma kienx skond is-sengha u l-arti rikjesta mill-Ligi.*

*3. Illi in oltre waqt li kien qieghed jesegwixxi x-xoghol in kwistjoni huwa kkawza hsara u danni fil-fond, proprjeta ta' l-eseponenti.*

*4. Illi minkejja li nghata kull opportunita' illi jirrimedja n-nuqqasijiet fix-xoghol tieghu u sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkawzati huwa baqa' inadempjenti.*

*5. Illi l-esponenti kellhom jinkarigaw terzi persuni sabiex jespletaw l-inkarigu originarjament moghti lill-attur Joseph Gauci u dawn ssarfu fi spejjez addizzjonali ghall-esponenti.*

*6. Illi l-esponenti qeghdin jillimitaw it-talba taghhom ghall-massimu ta' hamest elef lira Maltin (LM5,000)."*

*Konsegwentement il-konvenuti rikonvenzjonanti Charles u Miriam konjugi Vella talbu li din l-Onorabbli Qorti:-*

*"1. Tiddeciedi u tiddikjara li x-xoghol esegwit mill-attur issa intimat ma kienx skond is-sengha u l-arti rikjesta mil-ligi okkorrendo permezz ta' periti nominandi.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti konjugi Vella sofrew danni b'rizultat ta' l-agir ta' l-attur Joseph Gauci.*

*3. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-attur Joseph Gauci kien unikament responsabbli ghal dawn id-danni.*

*4. Tillikwida okkorendo permezz ta' periti nominandi d-danni sofferti mill-istess konjugi Vella.*

*5. Tikkundanna lill-attur issa intimat Joseph Gauci ihallas lill-esponenti konjugi Vella id-danni hekk likwidati."*

*Rat ir-risposta ta' Joseph Gauci ghall-kontro-talba ta' Charles u Miriam konjugi Vella fejn esponew is-segwenti:-*

*1. Illi t-talbiet tal-konvenuti Charles u Miriam konjugi Vella huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante l-fatt li x-xoghlijiet esegwiti mill-attur Joseph Gauci, saru skond is-sengha u l-arti.*
*2. Illi l-konvenut rikonvenzjonat Joseph Gauci, ghamel l-inkarigu tieghu skond d-disinji u ordnijiet kif gie mitlub mill-istess atturi rikonvenzjonanti u/jew min minnhom u dan nonostante l-fatt li nforma w avza lill-istess Charles u Miriam Vella tal-mod kif ser jigu nstallati fuq il-post, u kif ser jigu jidhru, fl-ahhar ta' l-inkarigu.*

*3. Illi t-tabiet ghad-danni tal-konjugi Charles u Miraim Vella, huma assolutament infondati u ribaduti minn Joseph Gauci stante l-fatt li Joseph Gauci, ma kkaguna l-ebda hsara jew danni fil-porprjeta' taghhom.*
*4. Salv eccezzjonijiet ultejuri.*
*Bl-ispejjez kollha kontra Charles u Miriam konjugi Vella, inkluz tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru bin-numru 2555/06 u bl-ispejjez kollha inkorsi mill-attur Joseph Gauci, nkluz ta' l-avviz u tan-nota ta' l-ecezzjonijiet ghall-kontro talba tal-istess konvenuti rikonvenzjonanti."*

*Rat l-affidavit prezentat nhar l-14 ta' Mejju 2007 mill-attur (a fol. 16 et seq). Joseph Gauci jghid li huwa haddied u li ilu jahdem f'dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Jichad dak li gie allegat lilu li huwa ghamel ix-xoghol hazin ghall-konjugi Vella. Jispjega w jghid illi huwa ghamel xi gallerijiet u l-grajjed tat-twieqi li tnejn minnhom huma minn dawk li jissejhu 'pregnant windows' u tnejn minnhom huma gradilji lixxji. Jghid li dan ix-xoghol kien sar sew mill-bidunett, pero' biex jikkuntenta lill-klijenti konvenuti biddel il-gradilji lixxi tliet darbiet, u dana peress illi l-konvenuta l-ewwel darba m'ghogobhiex id-disinn, it-tieni darba ma kinitx kuntenta bl-ispazju minimu li kien hemm bejn il-gradilja u l-hajt tat-tieqa li huwa tat-tip tal-gebla tal-Mellieha (gebla raffa u mhux fina) w ghalhekk ghamel zewg gradilji ohra li jmissu mal-hajt tat-tieqa. It-tielet darba zamm it-twieqi. Jghid pero' li dan nonostante x-xoghol dejjem sar sew.*

*Kompla jghid li wara l-gradilji kompla bl-inkarigu tieghu w beda l-grada tal-bieb ta' barra, fejn talbuh jaghamel il-bieb tal-hadid skond disinn kif ghazlu huma stess. Fuq dan il-bieb ma kienx hemm kwistjonijiet, izda meta gie biex jaghti l-ispray tat-tip Germaniza, bhal dak li kien uza fuq it-twieqi, l-konvenuta m'ghogobhiex u talbitu sabiex jaghti passata ohra.*

*Jikkonferma li l-problemi serji nqalghu meta l-konvenuti talbuh sabiex jaghmel il-poggamani tat-tarag – poggaman ghal tliet sulari tarag, liema poggaman kellu jsir f'disa' bicciet. Jikkonferma li kien lahaq lesta seba' bicciet minnhom u kien gja poggihom f'posthom. Jikkonferma li dan il-poggaman kien sar skond is-sengha w l-arti.*

*Gauci jghid li t-tulijiet tat-tarag tal-konjugi Vella m'humiex ta' l-istess daqs. In oltre jghid li l-branki tat-tarag m'humiex kollha ta' l-istess tul u lanqas il-pjani li hemm tul it-tarag m'huma tal-istes daqs u tul.*

*Jikkonferma li qabel ma beda bl-inkarigu lilu moghti kien spjega lill-konvenuti b'mod car li minhabba l-mod kif kien mibni t-tarag, id-disinn ma kienx jidhol*

*ezatt fit-tulijiet tal-branki w ghalhekk kien spjegalhom li ma kienx ser ikun hemm simetrija fid-disinn, kemm fil-branki kif ukoll fil-pjanijiet tul it-tarag. Qalilhom ukoll li estetikament fuq l-ghajn kien ser ikun hemm postijiet fejn dan id-disinn mhux ser jispicca ezatt fit-tarf tal-branki rispettivi peress li l-branki, kif spjega aktar 'il fuq, ma kienux tal-istess daqs. Qalilhom li huma ma setghux ikabbru jew inaqqsu d-disinn tal-hadid. Jghid li l-konvenuti accettaw dan kollu w xorta wahda nsistew ghal dan id-disinn, u ghalhekk beda jaghmel ix-xoghol, sakemm kien gie mwaqqaf minnhom.*

*Jelabora w jghid li s-somma mitluba minnu fir-rikors promotur, u cioe' s-somma ta' elf disgha mija w sebgha w disghin Lira Maltin u erbgha w sebghin centezmu (LM 1997.74) tirrapprezenta x-xiri w akkwist ta' materjal, inkluz il-VAT u x-xoghol t'appalt esegwit minnu. Jghid li l-konvenuti kienu hallsuh tat-twieqi w tal-gallarijiet. Pero' dan l-ammont mitlub minnu jinkludi l-materjal uzat ghall- poggaman u ghall-grada ta' barra. Jikkonferma li d-disinn tat-tarag gie maghzul mill-konvenuti stess, u huwa ma kellu l-ebda responsabilita' dwaru.*

*Jikkonferma li meta x-xoghol kien kwazi lest, il-konveut kien waqqfu w talbu l-kont tat-tarag u tal-gate. Wara li kien tah il-kont rega' qala' l-gate sabiex jisprejjah, u meta mar sabiex iwahhlu sab li kien hemm haddied iehor jahdem it-tarag b'disinn differenti.*

*Jichad dak li gie allegat mill-konvenuti li huwa ghamel xi hsara fil-proprjeta' taghhom, u appuntu fit-tarag. Jghid li kull m'ghamel huwa li rabat il-hadid tat-tarag (li huwa tarag miksi bl-injam) permezz ta' viti, kif dejjem jaghmlu. Jghid li dan sar bl-awtorizzazzjoni tal-konvenut, li kien dejjem prezenti.*

*Nhar l-14 ta' Mejju 2007 huwa esebixxa sett ta' ritratti tax-xoghol li kien ghamel, liema ritratti gew immarkati bhala Dok CSH. Pero' jghid li ritratt tal-poggaman m'ghandux ghaliex dan jinsab ghand il-konvenuti, w ma kienx ha ritratt qabel ma kkonsenjah. Qal li meta wahhal il-kancell kien ghad baqaghlu jwahhal il-firroll, izda meta mar biex iwahhlu l-konvenut kien zammu.*

*Nhar il-15 ta' Novembru 2007 Joseph Gauci ipprezenta affidavit iehor (fol. 31) fejn esebixxa numru ta' rcievuti ghall-materjal li uza sabiex jahdem ix-xoghol li kien inkarigat jaghmel ghall-konvenuti. Dok JJ1 huwa pagna mid-djarju tieghu fejn hemm imnizzel il-materjal li kellu jinxtara fosthom iz-zebgha, is-serratura, u x-xoghol fl-ammont ta' tlett mija w tmienja w tletin Lira Maltin (LM338) eskluz il-VAT. Dok JJG2 huwa cash sale invoice fejn fiha hemm indikat il-*

*materjal u x-xoghol, iz-zebgha undercoat, sand blasting u l-galvanizing. Dawn huma spejjez ghall-materjal tal-hadid tat-tarag. Il-kont jinkludi wkoll ix-xoghol tieghu sabiex jahdem il-hadid. Dan jammonta ghal elf tmien mija w hames Liri Maltin (LM 1805) oltre l-VAT fl-ammont ta' tliet mija w erbgha w ghoxrin Lira Maltin u disghin centezmu (LM 324.90). Dokument JJG3 huwa d-disinn tal-hadid li juri t-tulijiet tal-hadid ta' seba bicciet b'kejliet differenti. Dok JJG4A u JJG4B huma ricevuti tal-materjal ta' zebgha. Dokument JJG5 huwa dokument ghal galvanizing tax-xatba tal-hadid. Dok JJG6A u JJG6B huwa dokument ghal parti mill-marterjal tat-tarag. Apparti dawn jghid li kien hemm ricevuti ohra li ma kienx zamm.*

*Nhar id-9 ta' April 2008 rega' xehejn fejn qal li r-ricevuti ma jaqblux mal-fatttura mahruga minnu ghaliex fost l-affarijiet hemm indikati hemm ukoll affarijiet ta' haddiehor. Jikkonferma pero' li d-Dok JG 5 u JG 6A u JG6B jirreferu ghal materjal uzat ghall-konvenuti.*

*Mario Schembri xehed permezz t'affidavit prezentat nhar il-15 t'Ottubru 2007 u jghid li huwa jghamel xoghol kemm ta' hajjat kif ukoll ta' interior designing u qal li huwa wkoll kellu diffikulta' biex jithallas minghand il-konvenuti ghax-xoghol li ken ghamlilhom fid-dar taghhom fil-Mellieha.*

*Gilbert Gauci bin l-attur xehed ukoll permezz t'affidavit u qal li huwa kien jghin lil missieru fix-xoghol u jaf li dan sar sew u skond is-sengha. Jghid li kull bicca xoghol li hadmu ghall-konvenuti kienu jaghmluha wara li jmorru fuq il-post u jiehdu l-qisien relattivi fil-presenza tal-konvenut stess. Jghid li x-xoghol li kienu ghamlu ghall-konvenuti kien jigi moghti lilhom bicca bicca w kien ghalhekk li hadu qisien f'okkazjonijiet differenti. Jikkonferma dak li qal l-attur li huma kellhom jaghtu spray darbtejn lix-xatba ta' barra, ghaliex il-konvenuta ma kinitx kuntenta, w sahansitra kellhom anke jirrangaw il-firroll t'isfel tax-xatba. Qal li wara l-konvenut kien talab lil missieru sabiex jaghmillu l-poggaman. Ikkonferma li quddiemu stess missieru kien spjega lill-konvenuti li kien hemm certa' diffikulta' sabiex isir dan ix-xoghol bid-disinn li ghazlu, minhabba kwistjonijiet ta' span u sections tat-tarag. Jghid pero' li mis-seba' bicciet li kien hadem u wahhal ma deherx li kien hemm problemi, pero' fl-ahhar il-konvenuti stqarru li ma kienux kuntenti w ma riedux ihallsuh la ghax-xoghol li ghamel u lanqas ghall-materjal li kien xtara. Jghid li l-konvenuti trattaw lil missieru hazin hafna ghalkemm dan ha hafna pacenzja maghhom. Ikkonferma li waqt li kien qed isir ix-xoghol missieru kien ikkomunika hafna mal-konvenuti biex jassikura ruhu li kollox kien gej kif xtaqu huma.*

*Il-konvenuta Maryanne Vella xehdet permezz t'affidavit prezentat fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2008 (fol. 43). Ikkonfermat li hija flimkien ma' zewgha l-konvenut kienu qabbdu lill-attur sabiex jahmilhom xi xoghol tal-hadid. Tghid li hija dejjem hallsitu ta' dak li kien jaghmel, pero' tilmenta dwar il-grada ta' quddiem il-bieb ta' barra li ma tissakkarx u li l-ispray li gie moghti lil din il-grada mhux l-istess kif moghti lill-hadid l-iehor, u in oltre ma nhadimx b'mod pulit.*

*Tghid li hija kienet tkellmet mal-attur u dan kien wieghda li kien ser jirranga l-grada. Qalet li ammetta li l-ispray ma kienx l-istess ghaliex filwaqt li l-ohrajn kellhom spray glossy, dak tal-grada kien matt. Qalet li s-serratura li twahhlet ma kinitx tajba ghaliex ma kinitx qed taqdi l-funzjoni taghha. Tghid ukoll li l-attur kien qalilha li kellu bzonn jaghmel toqba zghira ohra fl-irham tat-tarag u rrabjat ghaliex l-irham kien ghali u kien l-istess attur li kien ghamlilha toqba qabel. Hasset li din ma kinitx accettabli ghaliha.*

*Dwar il-poggaman tghid li hija kienet ghazlet id-disinn minn fuq katalgu li kien tahom l-attur meta l-indani tat-turgien kienu diga' hemm, u tghid li l-attur qatt ma qalilhom dwar il-problemi li seta' kien hemm. Tghid li hija xtrat il-hadid tat-tarag minghand persuna li kienet giet rakkomandata lilhom mill-attur stess. Qalet li meta kien qed isir ix-xoghol kienet tghidlu li x-xoghol ma kienx gej sewwa pero' huwa kien jghidilha li kollox jehel sew meta jkun lest, u ghalhekk ma komplietx tilmenta aktar mieghu.*

*Qalet li huma iddecidew li jqabbdu bniedem iehor, interior designer, biex janalizza t-tarag, meta rat li l-attur kien qed igib ruhu hazin maghhom. Din il-persuna bl-isem ta' John Fenech, qalilhom li ma kinitx kwistjoni ta' disinn li kien hazin izda t-tqassim tieghu, li kien fih nuqqas ta' kejl tajjeb. Tghid li huma kienu dispjacuti hafna b'dak li kien sehh u li kellhom certa ghaggla biex johorgu minn fejn kienu qed joqoghdu biex jidhlu nies ohra, w ghalhekk dan Fenech kien sabilhom haddied iehor. Ippruvaw juzaw l-istess hadid pero' biex dan Bonello, il-haddied il-gdid joftoq il-hadid u jerga' jiggalvanizzah kien ser jigi jiswa aktar, u ghalhekk il-haddied*

*il-gdid ghamlilhom disinn gdid. Qalet li saret ukoll hsara fl-injam tat-tarag, u kellhom iqabbdu mastrudaxxa sabiex jirranga l-hsarat fl-injam. Tghid li hija qed tirrifjuta li thallas lill-attur ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti.*

*Charles Vella, l-konvenut jikkonferma dak li qalet martu w jghid li huwa ma hallasx lill-attur ghaliex ix-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti. Huwa esebixxa numru ta' ritratti sabiex jikkorrobora l-ilmenti taghhom kif ukoll sabiex jipprova li huwa hallas lill-hadiema l-ohra tieghu. Esebixxa wkoll ritratt tal-poggaman li hemm imwahhal illum.*

*John Fenech xehed fid-9 t'April, 2008. Huwa jighid li huwa kien id-disinjatur li tqabbad jispezzjona t-tarag tal-hadid li kellhom il-konvenuti gewwa d-dar taghhom fil-Mellieha w jghid li gie mitlub sabiex jikkonfermalhom jekk id-disinn maghzul minnhom kienx addatat jew le. Qal li mart il-konvenut ma kienx joghgobha d-disinn li kien hemm u allura kien issugerixxa li jaghmel disinn fuq dak li kien hemm. Talabhom pero' sabiex isaqsu lill-attur sabiex jiehu lura l-hadid pre fabricated li kien xtara bil-kunsens taghhom, izda dawn qalulu li ma ridux jafu aktar bl-attur.*

*Jispjega li l-hadid li kien hemm fuq it-tarag kien installat tajjeb fis-sens li kien skond is-sengha w l-arti, izda kien id-disinn li ma kienx qed joghgob lill-konvenuta. Qal li d-difett kien fid-disinn u mhux fil-hadid. Jghid li hu ma kellu x'jaqsam xejn mat-tfassil tat-tarag originali. Jghid li fil-fehma tighu il-hadid kien gie mfassal tajjeb, skond il-kumplikazzjonijiet li kien hemm fit-tarag. Jghid li ma kienx hu li ghamel it-tieni tarag, ghalkemm kien hu li ddisinjah. Huwa kkonferma li kien thallas ta' xoghlu.*

*In kontro-ezami nhar is-6 t'Ottubru 2008, ix-xhud jikkonferma li l-hadid li kien ra ghand il-konvenuti kien skond is-sengha w l-arti, w dan jikkonfermah ghal darb' ohra wara li ra r-ritratti esebiti fl-atti w immarkati bhala Dok CV1 sa Dok CV 17 (fol. 52). Jghid li huwa pero huwa artist u mhux haddied. Jghid li huwa kien ghamel biss disinn u ma wahhal l-ebda hadid. Jichad dak li gie suggerit lilu mill-avukat difensur tal-konvenuti li huwa qalilhom li hallsu ta' Mercedes u nghataw Mini. Jghid li l-attur qatt ma mar ghandu, izda kien il-konvenut li kien mar ghandu w talbu jitla' jixhed fil-kawza. Cahad ukoll li ghandu xi parentela mal-attur. Jghid li huwa kien sab haddied gdid ghall-konvenuti sabiex jahdem id-disinn li kien ghamel hu izda dawn ma kienux acccetaw li jahdmu bih.*

*Carmel Bonello xehed nhar id-9 ta' April 2008 u jispjega li z-zewg invoices li hemm esebiti fl-atti a fol. 53 u 54 tal-process huma zewg ricevuti li hareg hu w*

*cioe' ricevuti tax-xoghol li ghamel tal-hadid fl-ammont ta' tlett elef hames mija w sittin Lira Maltin.*

*Qal li huwa kien mar jara l-hadid li kellhom il-konvenuti ghaliex dawn talbuh jirrangah, izda hu kien qalilhom li ma kienx vijabbli li jittranga billi l-ewwel ried izarma dak li kien hemm, jaghti z-zebgha mill-gdid, jiehu l-hadid ghal galvanizing u jerga' jimmudella t-tarag mill-gdid, u ghalhekk minflok li ghamel dan kollu kien ghamel tarag mill-gdid skond ix-xewqa tal-konvenuti.*

*Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Gunju 2008 (a fol. 119) fejn stante n-natura teknika ta' din il-materja hija ghaddiet biex tinnomina lill-espert Perit Mario Cassar bhale eseprt tekniku sabiex wara li jiehu konjizzjoni ta' l-atti w ikun f'posizzjoni ahjar li jara xi jrid jaghmel, f'kaz li jidhirlu li hu necessarju, ghandu jqabbad persuna idoneja biex tezamina l-hadid, b'dan pero' li l-ewwel tkun informata l-Qorti.*

*Illi nhar it-13 ta' Ottubru 2008 deher il-perit Mario Cassar u esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok MC. Huwa kkonkluda is-segwenti:-*

*1. Illi hija l-fehma tieghu li x-xoghlijiet mertu tal-kawza kif esegwiti ma sarux skond is-sengha w l-arti. Ghalkemm jghid li l-attur ma kellux kompitu facli, f'dak li jinvolvi l-poggaman, minhabba li d-disinn adottat li mhux addatat fejn hemm ripetizzjoni tad-disinn fl-indani ta' qies mhux ugwali. Madankollu jghid li minkejja li l-attur kien ta parir lill-konvenuti f'dan is-sens, xorta wahda ghazel li jaghmel ix-xoghol.*
*2. Il-konvenuti sofrew l-inkonvenjent tad-dewmien taz-zmien biex jabitaw fil-fond, minhabba in-nuqqas ta' l-istallar tal-poggaman.*
*3. L-attur Joseph Gauci kien kemmxejn imfixkel fix-xoghol tal-poggaman minhabba il-qies fid-disinn tal-ferrobattuto maghzul mill-konvenuti s-Sinjuri Vella, biss l-attur seta' ghamel xoghol ahjar fit-tqassim tal-istss disinn.*
*4. Illi huwa tal-fehma illi s-Sinjuri Vella m'ghandhomx dritt ghall-kumpens ghad-danni, minhabba li unilateralment itterminaw l-appalt mal-attur minghajr pre-avviz.*
*5. Illi l-attur ghandu jsewwi r-rixtellu ta' quddiem il-bieb ta' barra, w dan jinkludi l-bdil tal-irhama li fiha saret it-toqba tal-firroll ta' l-istess rixtellu. Dan bil-kundizzjoni li l-irhama taqbel mal-kumplament tat-tarag ta' quddiem il-bieb ta' barra.*
*6. L-attur ghandu jiehu lura l-poggaman li prezentement jinsab ghand is-Sinjuri Vella.*

*Illi nhar id-19 ta' Jannar 2009, in eskussjoni, l-Perit Tekniku Mario Cassar jghid li ghalkemm l-attur pogga cover tar-ram biex jghatti t-toqba fl-irhama, din ma kinitx ser tirranga l-fatt li t-toqba ttaqbet mhux fil-post ezatt li kellha tittaqqab. B'dan il-cover kienet ser titghatta parti biss mill-izball tieghu. Jghid li s-serratura li ntuzat hija ta' kwalita inferjuri w ma tghalaqx sewwa w b'hekk ma tghamilx xogholha. Jghid li l-wiring ma kienx imqabbad u s-serratura kienet issettjata b'laxk esagerat. Dwar il-hlas tax-xatba l-Perit isostni li l-attur ghandu jithallas taghha, skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet, una volta jbiddel l-irhama tat-targa, jnehhi l-laxk tax-xatba w din tkun tinghalaq kif suppost. Dwar ix-xoghol tal-poggaman jghid li l-attur kien jaf li x-xoghol ma kienx ser ikun tajjeb u ghalhekk ma messu qatt indahal sabiex jaghmel dak ix-xoghol. Jirrepeti li d-disinn ma kienx addatat ghad-dimensjoni ta' din it-tromba w kien difficli hafna sabiex isir it-tfassil kif suppost, u ghalhekk messu rrifjuta li jaghmel ix-xoghol akkost li jitlef xoghlu.*

*Rat in-nota tal-attur Joseph Gauci kif prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Ottubru 2008 fejn talab il-hatra ta' periti perizjuri ai termini tal-Artikolu 677 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta w fis-seduta tat-22 ta' April 2009 il-Qorti nnominat lill-Perit Joseph Attard, il-Perit Stephen Tonna u bhala Chairman lill-Perit Godwin Abela.*

*Illi permezz ta' nota prezentata fl-atti nhar it-13 ta' Lulju 2009 il-Perit Stephen Tonna talab li jigi sostitwit peress li sostna li huwa ghandu konflitt ta' nteress u b'hekk ma setax jaqdi l-inkarigu tieghu. Il-Qorti laqghet it-talba tieghu u ssostitwietu bin-nomina tal-Perit Valerio Schembri w dan b'digriet taghha tat-13 ta' Ottubru 2009.*

*Illi nhar it-13 ta' Lulju 2010 dehru t-tlett periti w cioe' l-Perit Godwin Abela, l-Perit Valerio Schembri w il-Perit Joseph Attard, li pprezentaw ir-relazzjoni kongunta taghhom. Huma kkonkludew is-segwenti:-*

*1. l-attur ipprokura l-materjal u ffabrika l-poggaman fuq ordni tal-konvenuti li kienu konsapevoli tad-diffikoltajiet li kien qed johloq id-disinn maghzul minnhom, u ma jaqblux mal-Perit Mario Cassar meta dan qal li x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti. Jghidu li x-xoghol ghandu jitqies bhala semi- finished u mhux irfinut. Fil-fehma taghhom, u minn dak li ezaminaw fuq il-post, ihossu illi skond ix-xoghol muri lilhom in situ l-bilanc dovut fuq l-appalt ghandu jigi stmat fis-somma ta' tlett elef, erbgha mija w tmienja w tmenin Ewro w tmenin centezmu (€3,488.80) ekwivalenti ghal elf erbgha mija w sebgha w disghin Lira Maltin u erbgha w sebghin centezmu*

*(LM1,497.74) liema somma tirrapprezenta l-bilanc li qed jitlob ir-rikorrent neqsin il-valur tax-xoghol li kien ghad fadal isir fuq il-poggaman in kwistjoni li gie kkwantifikat minnhom fl-ammont ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro u sebghin centezmu (€1,164.70) ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltin (LM500).*

*2. Dwar il-kwistjoni tar-rixtellu jghidu li huma jaqblu mal-konkluzjoni tal-Perit Mario Cassar fis-sens li l-attur ghandu jirranga w isewwi (anke ghal dak li jirrigwarda zebgha jew spray) r-rixtellu ta' quddiem il-bieb ta' barra nkluz it-tibdil tal-irhama bit-toqba tal-firoll, b'dan li din ghandha taqbel mal-kumplament tat-tarag estern. Huma jistmaw dan ix-xoghol ta' tiswija fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500).*

*3. Dwar il-kwistjoni ta' pregudizzju jew inkonvenjent li allegatament sofrew il-konvenuti minhabba dewmien ta' zmien, il-Periti ma jaqblux mal-ewwel perit, u dan ghaliex ir-rixtellu kien gja qieghed f'postu w jintuza ghalkemm ghandu bzonn jitranga, w stante li l-poggaman sar skond is-sengha w l-arti ma kienx hemm lok li jinqala'.*

*4. Il-periti jsostnu wkoll li l-kwistjoni dwar dritt ghal kumpens jew danni hija wahda purament legali.*

*Il-Qorti rat ukoll ir-risposti moghitja mill-periti perizjuri ghad-domandi li sarulhom in eskussjoni.*

*Ikkunsidrat:*

*In sintezi f'din il-kawza l-attur qed jitlob li jithallas tax-xoghol li huwa ghamel fuq inkarigu tal-konvenuti konsistenti f'tarag tal-hadid u rixtellu tal-bieb ta' barra. Filwaqt li l-konvenuti jghidu li ma jridux ihallsu ghal dan l-appalt ghaliex fil-fehma taghhom ix-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti w in oltre in kontro-talba qed jitolbu li jigu kkumpensati ghad-danni li sofrew. Peress li din il-materja kienet wahda teknika, l-Qorti kienet innominat lill-Perit Mario Cassar bhala espert fil-materja, w dan ipprezenta r-rapport tieghu, pero' l-attur ma kienx kuntent bil-konkluzjonijiet tieghu u ghahekk talab li issir perizja perizjuri. Fil-fatt hekk sar u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiem r-rapport ta' tliet periti teknici ohra.*

*Il-konstatazzjoni dwar jekk l-appalt kienx esegwit kif titlob l-arti w is-sengha, hi materja teknika. Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet "<u>Calleja vs Mifsud</u>", il-Qorti tal-Appell qalet hekk -*

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi*

*prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

*In linea ta` principju, ghalkemm Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (skond l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 ) (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi Qorti dan tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("<u>Grima vs Mamo et noe</u>"). Jigifieri Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("<u>Cauchi vs Mercieca</u>" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "<u>Saliba vs Farrugia</u>" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "<u>Calleja noe vs Mifsud</u>" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).*

*"Il-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli" – ("<u>Bugeja et vs Muscat et</u>" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).*

*Pero' gie wkoll ritenut illi "f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali.*

*Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" - "Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine", Appell, 9 ta' Frar 2001."*

*Il-konvenuti qed jirrifjutaw li jhallsu s-somma mitluba peress li qed jallega li x-xoghol ma sarx skond l-arti w is-sengha, w qed jallega li hemm difetti fil-lavur tal-attur. Il-gursiprudenza in subiecta materia li nibtet, tista' tghid, mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Mallia vs Fonk", deciza fl-24 ta' Jannar, 1975, hi fis-sens li :-"l-imprenditur huwa tenut jesegwixxi l-kuntratt mhux kif jidhirlu hu imma `bene e a regola d'arte e secondo i patti stabbiliti', .... u fejn ma hemmx patti espressi, l-esekuzzjoni ghandha ssir skond l-intenzjoni tal-partijiet li zgur li ma kinitx illi kellu jinghata xoghol hazin."*

*Meta jirrizultaw difetti fir-rizultat ahhari, it-talba tal-imprenditur ghandha titqies intempestiva, w kwindi, michuda, jekk dawk id-difetti jkunu t'entita' gravi, pero' min-naha l-ohra meta d-difetti ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, pero', jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz (ara applikazzjoni ta' dan il-principju fil-kawza "Bezzina vs Cardona", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Novembru, 1983, "Mallia vs Magri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru, 1989, u "Abela vs Scicluna", deciza dan l-ahhar minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2003).*

*Dan qed jigi rilevat in kwantu, kif pacifikament akkolt f'bosta sentenzi, jekk jirrizulta li x-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollu dritt ghall-ebda parti mill-hlas jekk id-difetti rizultanti jaffettwaw il-kwazi generalita` tax-xoghol intrapriz mill-attur ("Carmelo Mallia –vs- Ivan John Fonk", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1975) u l-konvenut ikollu dritt, f'sitwazzjoni simili, jopponi l-"exceptio non rite adempleti contractus" ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas ("Francis Spiteri nomine -vs- Emmanuele Cassar", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975);*

*Dan normalment jissucciedi fejn ikun jirrizulta li x-xoghol ezegwit ikun affett minn vizzji sostanzjali li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita` taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-*

*kommittent jew indikata min-natura stess tax-xoghol ("Robert Micallef –vs- Joseph Mamo proprio et nomine a Vol XXX P III p 433);*

*Fil-kaz in ezami, ghall-anqas minn dak kaptat mir-relazzjoni peritali tal-periti perizjuri, ma jidhirx li n-nuqqasijiet jistghu jigu kwalifikati bhala essenzjali. Il-periti teknici llimitaw ruhhom ghall-kumment generiku illi x-xoghol huwa semi finished u mhux irfinut. Jichdu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti, kif kien sostna l-ewwel perit Mario Cassar. Meta dan hu hekk, il-kaz u n-nuqqasijiet ma jigux definiti bhala sostanzjali, w l-appaltatur ma jitqiesx inadempjenti, pero` jibqa' obbligat jew li jirripara w jaghmel tajjeb ghad-difett, jew li jaccetta riduzzjoni ("John Bonnici proprio et nomine –vs- Anthony Sammut", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994). Dan hu dak li effettivament ipproponew li jsir l-esperti teknici fir-relazzjoni taghhom, u cioe' li jkun hemm riduzzjoni fil-hlas fl-ammont ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro w sebghin centezmu (€1,674.70) ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltin (LM500) kif imsemmi fil-paragrafu numru tnejn (2) fil-konkluzjoni taghhom kif fuq spejgat. Din ir-relazzjoni qed tigi minn dina l-Qorti adoperata anke ghaliex l-opinjoni teknika fiha espressa tinsab ben artikolata w bazata fuq ragunijiet li mill-ebda wiehed mill-kontestanti ma gew skossati b'xi opinjoni kuntrarja jew kritika valida.*

*Din il-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar dak li ntqal fis-segwenti sentenza, w cioe' dik deciza nhar il-25 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet Stivala Operations Limited Vs Fithome Interiors Limited u dik imsemmija Proinvest Limited vs Giljan Agius (Appell 8 ta' Jannar 2010) fejn intqal:*

*"hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentement x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt, huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezeukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti w ma jistax jallega li x-xoghol ma sarx sewwa ghax il-kommittent m'oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz."*

*Illi f'dan il-kaz, in konkluzjoni, l-Qorti tghid li mhux minnu dak li eccepew il-konvenuti fir-risposta taghhom li x-xoghol li sar mill-attur ma sarx skond is-sengha w l-arti, izda l-Qorti tikkonkludi, kif sostnew il-periti perizjuri, li kien hemm difetti zghar li sabiex jissewwew tehtieg spiza fl-ammont ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro u sebghin centezmu (€1,164.70) fir-rigward tal-poggaman, waqt li hemm xi xoghol riparatorju li jrid isir fuq ir-rixtellu kif imsemmi aktar 'il fuq inkluz it-tibdil tal-irhama ta' quddiem il-bieb ta' barra, u l-periti jistmaw dan ix-xoghol fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500).*

*Jinghad li l-konvenuti ma kellhom l-ebda dritt li jitterminaw l-appalt b'mod unilaterali kif effettivament ghamlu, w li addirittura jqabbdu persuna ohra sabiex jaghmel poggaman tal-hadid gdid. Dan ghamluh a spejjez taghhom u zgur mhux ghaliex kellhom xi dritt, u ghalhekk il-konvenuti ma jistghu qatt jippretendu li jigu kkumpensati ghal dan it-tarag gdid jew addirittura ghall-ispejjez li nkorrew sabiex nehhew dak li kienu ordnaw. Din hija decizjoni li huma hadu unilateralment u ghalhekk illum iridu jbatu ghaliha. Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti ma sofrew l-ebda danni salv dawk li ser jigu identifikati aktar 'l isfel.*

*Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti, l-Qorti rat il-verbal tas-seduta tal-5 t'Ottubru 2011 fejn l-istess eccezzjoni giet irtirata mill-istess konvenuti w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.*

*Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qieghda tilqa' t-talba attrici pero' qieghda tirriduciha. Skond il-periti perizjuri, fil-fehma taghhom u minn dak li ezaminaw fuq il-post, ihossu li skond ix-xoghol muri lilhom in situ, l-bilanc dovut fuq l-appalt ghandu jigi stmat fis-somma ta' tlett elef erbgha mija w tmienja w tmenin Ewro u tmenin centezmu (€3,488.80) ekwivalenti ghal elf erbgha mija w sebgha w disghin Lira Maltin u erbgha w sebghin centezmu (LM1,497.74) liema somma tirrapprezenta l-bilanc li qed jitlob l-attur neqsin il-valur tax-xoghol li kien ghad fadal isir fuq il-poggaman in kwistjoni li gie kkwantifikat minnhom kif fuq spjegat fl-ammont ta' elf mija w erbgha w sittin Ewro u sebghin centezmu (€1,164.70) ekwivalenti ghal hames mitt Lira Maltin (LM500). Pero' oltre dan trid titnaqqas ukoll is-somma ta' hames mitt Ewro (€500) u cioe' dik is-somma likwidata mill-Periti Perizjuri sabiex isir ix-xoghol riparatorju in konnessjoni mar-rixtellu. <u>Ghalhekk is-somma dovuta mill-konvenuti lill-atturi tammonta ghal elfejn disgha mija w tmienja w tmenin Ewro u tmenin centezmu (€2988.80). (jigifieri €4653.48 - € 1164.70 = €3488.80 - €500 = €2988.80).</u>*

*Il-Qorti filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti ghat-talba attrici, qieghda wkoll tichad il-kontro-talba tal-konvenuti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuti.*

*Bl-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi (⅔) mill-konvenuti u terz (⅓) mill-attur. L-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza meta s-somma mitluba giet likwidata."*

Bl-appell minnhom introdott fil-konfront tas-sentenza appellata l-appellanti Charles u Miriam konjugi Vella essenzjalment jilmentaw illi:

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tad-dritt dwar il-kuntratt tal-appalt kif ukoll apprezzament hazin tal-fatti meta iddecidiet illi x-xoghol kummissjonat mill-appellanti lill-appellat kien sar skont is-sengha u l-arti u li kienu l-appellati li unilateralment tterminaw l-appalt minnhom mghoti u ghalhekk ghandhom iwiegbu ghal dan l-agir.
2. Illi l-ewwel Qorti erronjament adottat *in toto* r-relazzjoni tal-periti perizjuri meta kien hemm ragunijiet li gravament ipoggu f'dubbju l-opinjoni teknika hemmhekk espressa u dan minghajr ma tat l-ebda raguni 'il ghala kienet qed tiskarta r-relazzjoni u l-opinjoni teknika espressa mill-ewwel perit inkarigat u ghaddiet biex addotatt l-interpretazzjoni legali espressa mill-periti addizjonali meta dan kien jezorbita l-inkarigu lilhom moghti.
3. Finalment l-appellanti jikkritika l-ispartizzjoni tal-ispejjez gudizzjarji maghmula mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha billi jishqu illi huma ma ghandhomx ibatu spejjez gjaldarba x-xoghol li sar mill-appellat kien difettuz.

Illi l-attur appellat inqeda bl-appell introdott mill-konvenuti u ressaq appell incidentali fejn jilmenta illi kienet zbaljata l-Ewwel Qorti meta irriduciet l-ammont minnu reklamat billi gjaldarba l-konvenuti appellanti ma irrifjutawx il-

poggjaman u iddepozitaw l-istess taht l-Awtorita tal-Qorti, bl-accettazzjoni taghhom huma ippregudikaw serjament id-drittijiet taghhom. Illi inoltre l-Ewwel Qorti kellha takkorda il-hlas ta'l-imghaxijiet mis-07 ta' Settembru 2006 billi l-ammont kien cert, likwidu u dovut, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Illi minn qari tat-talba li biha gew inizjati dawn il-proceduri johrog illi r-rapport guridiku bejn l-appellanti u l-appellat jista' jigi assimilat ghal dak ta' l-appalt. Illi l-principji legali li isawwru l-istitut ta'l-appellat gew superjorment elenkati minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta (Onor. Imhallef Philip Sciberras) fis-sentenza *Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjugi Agius* deciza fis-06 ta' Ottubru 2004 meta gie mghallem:

**(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485).**
**(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).**
**(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).**
**(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892);**
**(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti … l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).**
**(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika**

**ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).**

**Precizati s-suesposti konsiderazzjonijiet tad-dritt, li certament japplikaw ghal kaz in dizamina, ghal dak li jikkoncerna l-aspett tad-danni jghoddu l-infraskritti riflessjonijiet:-**
**(1) Jinsab deciz illi "jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr … …" (Kollez. Vol XLII pII p699).**
**(2) Issokta jigi ritenut illi jekk id-difetti ma jkunux essenzjali jew sostanzjali l-appaltant ma ghandux dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt izda biss li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati (Kollez. Vol XXX pIII p433), jew l-appaltatur jaccetta riduzzjoni fil-prezz ("John Bonnici pro et noe -vs- Anthony Sammut", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994);**
**(3) "A contrario sensu meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol" – "Victor Tabone -vs- Felix Mifsud", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994)[1].**

Affermati dawn il-principji legali u applikati ghal fattispecje ta' dana il-kaz irrizulta mill-atti illi l-konvenuti kienu ikkumissjonaw lill-appellat sabiex jaghmel xoghol ta' *ferrobattuto*, fir-residenza taghhom. Jidher illi hafna mix-xoghol kummissjonat tlesta u tieghu l-appellat thallas. Gara izda li kien hemm ilment minn naha tal-konvenuti dwar il-poggjaman tat-tarag u xatba tal-hadid. Billi l-konvenuti dehrilhom illi x-xoghol ma kienx qed isir sew, huma inkarigaw terza persuna sabiex tezegiwixxi x-xoghol mill-gdid u ghalhekk il-kuntratt ta'l-appalt gie terminat. Illi ghalkemm l-konvenuti jinsistu illi kien l-appellat li abbanduna l-lant tax-xoghol u li kien biss wara li gew intavolati dawn il-proceduri illi huma inkarigaw terza persuna biex jerga' jaghmel ix-xoghol mill-gdid, din l-affermazzjoni ma hijiex sorretta mill-provi tant illi anke l-espert tekniku, il-perit Mario Cassar fir-relazzjoni tieghu isostni illi kienu l-konvenuti li unilateralment itterminaw l-appalt minghajr ma taw pre-avviz lill-appaltatur.

[1] Pierre Darmanin vs Moira Agius et App. Inf 06/10/2004

Fil-fatt mill-affidavit tal-konvenut Charles Vella u id-dokumenti esebieti minnu jirrizulta illi l-ewwel depozitu li thallas ghal-iddizinjar mill-gdid tal-poggjaman lill-appaltatur il-gdid kien f’Awwissu 2006 meta il-proceduri odjerni gew intavolati mill-appellat fl-ahhar ta’ Settembru 2006[2]. Di piu, anke mill-korrispondenza legali skambjata qabel ma giet intavolata l-kawza jirrizulta illi l-appalt kien gie terminat billi l-konvenuti allegaw illi l-appaltatur kien kiser l-kondizzjonijiet kontrattwali dan ghaliex ix-xoghol minnu maghmul ma kienx gie ezewgiet skont is-sengha u l-arti. Illi l-Ewwel Qorti allura, gustament inkarigat perti tekniku biex jassistieha tasal ghad-decizjoni dwar in-natura tax-xoghol billi l-konvenuti kienu ressqu in via d’eccezzione kif ukoll permezz ta’ kontro-talba l-allegazzjoni illi ix-xoghol kien difettuz, u imbaghad fuq talba tal-attur appellat innominat tlett periti addizjonali li wasslu ghal konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-perit tekniku Mario Cassar. Illi l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha tistrieh fuq ir-rapport tal-periti addizjonali sabiex tasal ghad-decizjoni taghha fejna allura gie deciz illi l-konvenuti appellanti kellhom ihallsu lill-appellat s-somma ta’ €2988.80, ghaliex mill-ammont reklamat gie imnaqqas il-valur tax-xoghol li kien ghad fadal issir fuq il-poggjaman u li baqa’ ma giex kompletat, kif ukoll is-somma ta’ €500 likwidata mill-periti addizjonali sabiex isir ix-xoghol riparatorju fuq ix-xatba.

Affermati dawn ir-risultanzi processwali, allura huwa bil-wisq evidenti illi dak sostnut mill-appellanti fl-ewwel aggravvju minnhom imressaq illi l-Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi fir-rigward tal-fatti tal-kaz ma ghandux mis-sewwa. Dan ghaliex gie inkonfutabbilment ippruvat illi kienu l-konvenuti li unilateralment itterminaw l-kuntratt ta’l-appalt u inkarigaw terza persuna sabiex taghmel ix-xoghol mill-gdid u allura il-Qorti kellha tghaddi, kif gustament ghamlet, sabiex tapplika id-disposizzjoni ta’l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili.

[2] Ara dokument a fol.54 tal-process

Issa f'dan il-kaz fejn l-appalt gie xjolt qabel it-terminazzjoni tieghu, huwa stabbilit fil-ligi illi fejn il-kommittent jittermina l-appalt sempliciment *in virtu*' tal-fakolta` lilu koncessa bl-artikolu 1640 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appaltatur mhux biss ghandu dritt ta' azzjoni ghall-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu izda wkoll somma ghall-qliegh li jkun tilef (Artikolu 1640(2)). Jekk imbaghad tezisti raguni valida li tista' tigi attribwita lill-appaltatur dan id-dritt ghall-qliegh ma jkunx intitolat ghalih (Artikolu 1640(3)). Issa fil-verita fil-kaz in ezami l-attur-appaltatur mhux qed jiddomanda somma li tekwipara ghall-qliegh li seta' jaghmel izda biss il-hlas tal-bilanc ghax-xoghlijiet minnu ezegwiti. Dan wara li l-appellanti unilateralment xoljew il-kuntratt ta'l-appalt.

"***Illi dwar it-temm tal-kuntratt tal-appalt, il-ligi tippreskrivi li, min jaghti appalt lil haddiehor, jista' jholl x'hin irid il-ftehim ukoll jekk ix-xoghol ikun inbeda. Il-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tieghu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodici Civili taljan. Kif gie mfisser f'dan il-kuntest, "tale diritto puo' essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessita' di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che puo essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento"***

***Illi fil-każ fejn ikun hemm raguni tajba biex l-appalt jinhall, kull hlas li jista' jippretendi l-appaltatur ghandu jitkejjel mal-utilita' li l-appaltant ikun ha tax-xoghol li lahaq sar u kif ukoll mal-hsara li l-appaltant ikun garrab minhabba li kien imgieghel itemm l-appalt. Huwa wkoll stabilit li hija raguni tajba biex appalt jitqies mahlul fejn ix-xoghol konsenjat tant kien mill-aghar li wiehed ma jistenniex li jista' jsir xi xoghol rimedjali fuqu biex igibu tajjeb.***

***..... Illi meta l-ligi ssemmi "raguni valida" wiehed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imgiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raguni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas taghha) tieghu taht il-kuntratt tal-appalt. "Raguni tajba", ghall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodici Civili ma tistax tinftiehem bhala "tajba ghall-appaltant ghax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jgibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet ohrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur***[3].

Premessi dawn il-kuncetti legali, kwindi l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li kellha tistrieh fuq ir-rapport tal-periti addizjonali fid-decizjoni taghha fejn gie stabbilit allura illi dina ir-raguni valida ma kenitx tezisti billi x-xoghol tal-poggjaman kien sar skont is-sengha u l-arti filwaqt illi d-difetti riskontrati fix-xoghol tax-xatba kienu minimi u setghu facilment jigu riparati. Illi dina l-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha titbieghed minn dina l-konkluzjoni billi jidher illi f'dak li jirrigwarda x-xoghol tal-poggjaman ma kienx hemm xi nuqqas fl-imgieba tal-appaltatur fil-mod kif ezegwixxa x-xoghol u dana stante illi id-disinn kien gie maghzul mill-appaltant u mixri lest u l-appellat hadem fuqu bl-ahjar hila tieghu tant illi meta l-appellanti ikkumissjonaw id-disinn tieghu mill-gdid ghand terz, huwa ghamlilhom disinn kompletament differenti, disinn li kien iktar adattat ghal konfigurazzjoni tat-tarag li kellhom fid-dar taghhom.

Jifdal ghalhekk biex jigi ikkunsidrat l-aggravvju dwar il-pagament eccepiet mill-appellanti tal-materjal tal-hadid tat-tarag uzat fil-kummissjoni ta' dan ix-xoghol. Jinghad illi ghalkemm l-appellanti jallegaw illi parti mill-ammont

[3] Alcasons &Company Limited vs Tigne Development Company Limited PA – 28/07/2004

reklamat ma hux dovut billi jirrapprezenta il-prezz tal-materjal, madankollu imbaghad meta jixhed Carmel Vella, isostni illi hu u martu qeghdin jirrifjutaw li ihallsu lill-appellat billi x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti u sar bi traskuragini u ma jissemma imkien dan il-fatt dwar il-pagament. Fil-fatt mill-fattura u ricevuti esebieti ma jirrizultax illi il-pagament kien sar u l-ircevuta ta' pagament in konnessjoni mat-tarag li tinsab in atti hija dik marbuta max-xoghol ta' Carmelo Bonello u mhux ma' dak tal-appellat. L-uniku pagament li sar in konnessjoni ma' dawn ix-xogholijiet u li huwa rifless fil-kont mahrug mill-appellat huwa ic-cekk ta' €500 li jinsab esebiet bhala Dokument CV20 datat 7 ta' Frar 2006, liema ammont tnaqqas mill-ammont dovut. Kwindi anke dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi l-appellat jinqeda bl-appell intavolat mill-konvenuti sabiex iressaq l-impunjattiva tieghu ghas-sentenza appellata meta jilmenta illi gjaldarba l-konvenuti appellanti accettaw il-poggjaman ikkonsenjat lilhom u l-istess ma giex iddepozitat taht l-Awtorita tal-Qorti kwindi huma ippregudikaw il-posizzjoni taghhom u kwindi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta irriduciet l-ammont reklamat.

Fl-ewwel lok il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-appellat illi huwa qieghed ifixxkel in-natura ta'l-azzjoni odjerna ma' dik konnessa mal-istitut tal-bejgh u cioe' 'l hekk imsejjha azzjoni redibitorja u aestimatorja. Stabbilit dan, allura jirrizulta illi ma kien hemm l-ebda obbligu da parti tal-konvenuti illi jiddepozitaw l-opra mahduma taht l-Awtorita tal-Qorti u li dana in-nuqqas ma setax ifisser accettazzjoni da parti taghhom tax-xoghol li sar. Di piu' it-tnaqqis maghmul mill-Ewwel Qorti kien konness max-xoghol li ma kienx lahaq sar fuq l-istess poggjaman kif ukoll kumpens ghax-xoghol hazin li sar fuq ix-xatba. Kwindi dana l-aggravvju qed jigi respint. L-istess jista' jinghad dwar l-ahhar aggravvju sollevat mill-appellat fl-appell incidentali minnu imressaq. Dan ghaliex l-

imghaxijiet gew akkordati mill-Qorti mill-jum li fih gie likwidat l-ammont dovut.

***"..... jidher minn certa impostazzjoni gurisprudenzjali illi l-interessi jistghu jkunu ta' tliet tipi:- (i) dawk moratorji dovuti b' titolu ta' rizarciment ta' danni ghad-dewmien tad-debitur fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni [Artikolu 1141 (1), Kodici Civili kombinat ma' l-Artikolu 1130 (1) ta' l-istess Kodici]; (ii) dawk korrispettivi in kwantu jirrapprezentaw il-korrispettiv tat-tgawdija ta' somma determinata ta' flus oltre l-iskadenza tal-kreditu (Artikolu 1139, Kodici Civili); (iii) dawk kompensattivi, imprexxindibilment minn kwalsiasi dewmien jew dak tas-semplici skadenza tad-debitu. Normalment, dawn jinghataw b' titolu ekwitattiv biex jikkompensaw lil kreditur ta' l-obbligazzjoni mit-telf tal-godiment tas-somma rizarcitorja. Il-gurisprudenza jidher li tenuncja f' dan il-kuntest illi l-interessi fuq is- somma likwidata b' titolu ta' rizarciment tad-dannu ghandhom natura kompensativa bl-iskop li jigi evitat pregudizzju lil kreditur. F' kaz bhal dan, "il-Qorti ghandha diskrezzjoni minn meta takkordahom". Ara "Evaristo Psaila et -vs- George Spiteri", Appell Kummercjali, 12 ta' Frar, 1965***;"

Il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha iccaqlaq id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti u dan billi fid-dawl tal-kontestazzjoni maghmula dwar l-ammont reklamat, ma jistax jinghad kif isostni l-appellat illi l-ammont dovut kien wiehed cert u likwidu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell tal-konvenuti appellanti kif ukoll dak incidentali tal-attur appellat u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jinqassmu in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenuti appellanti u terz mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------